# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 63

**29 ta' Novembru, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 63.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għax kulħadd kien preżenti.

### 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**63.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**63.3.1** Is-Sindku Max Zammit qal li tkellem mal-*Foundation for Tourism zones* u intlaħaq ftehim biex il-ħadid ta' faċċata ta' *St. Paul's Mansions* u l-ħajt jinżebaħ minnhom. Huwa qal ukoll li ż-żebgħa ingħatat lill-kunsill mingħand il-Ministeru tat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

**63.3.2** Is-Sindku Max Zammit qal li l-Kunsill ta' Ta' Xbiex ġie *Runner up* fl-"*EDEN - TANGIBLE CULTURAL ASSET AWARD*". Bis-saħħa ta' dan l-*award*, il-lokal ħa jkun qiegħed jiġi promos fuq diversi siti eletroniċi u *magazines* internazzjonali. Fit -22 ta' Jannar 2018 il-kunsill ha jiġi ippreżentat b'*token* u fit-23 ta Jannar 2018 ħa jkun hemm delegazzjoni mil-Kummisjoni Ewropea u ġurnalisti internazzjonali li ħa jkunu qiegħdin iduru l-lokal.

**63.3.3** Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmah li ġie iffirmat il-kuntratt bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u r-Reġjun Ċentru għal *Community Innovation Fund*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-jiem li ġejjien l-Kunsill irrid jiddiskuti d-dettalji ta' dan il-proġett li ħa jkun fuq numru ta' snin.

**63.3.4** Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-avukat tal-Kunsill qalilna li hemm 67,979 Ewro li ġew imniżżlin bħala *bad debts* u li dawn mhux ħa nkunu nistgħu niġbruhom. L-*accountant* tal-kunsill ġie nnotifikat b'dan kollu u informana li dan l-ammont ma kienx hemm ħsieb għalih matul is snin u għaldaqstant dan in-nuqqas ħa jkun qiegħed jidher fl-istqarrijiet finanzjarji ta' l-għeluq tas-sena 2017.

### 63.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

**63.4.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 63.5 Rapport Amministrattiv tas-sena 2016;

**63.5.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Amministrattiv tal-Kunsill għas-sena 2016. Dan ir-rapport jinkludi fih ix-xogħol amministrattiv li għamel il-kunsill kif ukoll estratt mil-stqarrijiet finanzjarji.

Il-Kunsill approva dan ir-Rapport.

## 63.6 Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena 2017;

**63.6.1** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-*Quarterly accounts* tat-tielet kwart tas-sena 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li kien hemm *surplus* ta' 1539 Ewro. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier R Portelli u ssekondata mill-Kunsillier E Muscat, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 63.7 Rikonċiljazzjonijiet Bankarji;

**63.7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-rikonċiljazzjonijiet bankarji għat-tielet kwart tas-sena 2017.

Il-Kunsill approva il- rikonċiljazzjonijiet bankarji b'mod unanimu.

## 63.8 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-attivita' Connecting through Culture;

**63.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*invoices* li kienu relatati ma l-attivita' "*Connecting through Culture*". L-attivita' swiet lill-Kunsill 7992.49 Ewro li minnhom il-Kunsill ħa jkun qiegħed idaħħal 6,000 Ewro mil-fond għal attivitajiet kulturali skond Ċirkulari 5/2017.

Il-Kunsill approva dawn il-pagamenti b'mod unanimu

## 63.9 *Sleeping Police* ġewwa Ta' Xbiex;

**63.9.1** Is-Sindku Max Zammit qal li l-kunsill irċieva diversi ilmenti dwar Triq l-Imradd

u l-velocita' li jgħaddu biha il-karozzi. Huwa qal li ħafna nies huma favur li jsiru *sleeping police* f'din it-Triq.

**63.9.2** Il-Kunsill ħa vot: Is-Sindku Max Zammit, il-Vici Sindku R Portelli u il-Kunsillier F Roe ivvutaw favur il-mozzjoni. Il-Kunsillier E Muscat u il-Kunsillier L Cachia Castelletti ivvutaw kontra l-mozzjoni minħabba li jkunu ta inkonvenjent għar-residenti u minħabba li Transport Malta mhux qiegħda tagħti permessi għalihom. Il-Mozzjoni għaddiet.

## 63.10 *Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;*

**63.10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal skond Ċirkulari Numru 16/2016 id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qiegħed jinsisti li l-kunsill jappunta Deputat Segretarju.

Il-Kunsill qabel li din l-materja għandha tiġi diskussa iktar il-quddiem.

## 63.11 Rapporti mill-Kunsilliera;

**63.11.1** Il-Kunsillier E Muscat qal li l-Kunsill għandu jiltaqa ma *Bettson Group* biex jiddiskuti l-immaniġjar ta' l-iskart tagħhom. Huwa qal li allavolja dawn għandhom il-kuntrattur privat tagħhom li jiġbrilhom l-iskart, dawn ma jisseparawx l-iskart.

**63.11.2** Il-Viċi Sindku R Portelli qal li huwa jissuġġerixxi li ssir *Motorcycle bay* ħdejn ir-*Remedies pharmacy* biex tkun tista tiċċekken *parking bay* u jitwalu id-*double yellow lines*. Dan ikun qiegħed inaqqas il-periklu li hemm fit-triq meta jkunu qiegħdin iduru l-karozzi.

## 63.12 Tender tal-Ġbir tal-iskart;

**63.12.1** Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti din il-materja aktar il-quddiem.

## 63.13 Tender ta' manteniment ta' soft areas;

**63.13.1** Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti din il-materja aktar il-quddiem.

## 63.14 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 28 ta' Diċembru, 2017 fid-9.00 ta' filgħodu.

**63.14.1** Il-laqgħa intemmet fit-9.30 ta' filgħaxija.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 28 ta' Diċembru, 2017.**

| | |
|---|---|
| **_IFFIRMATA_** | **__IFFIRMATA_** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |